MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2003

Avvi$Z Numru. 691/2002

**Joseph Mc Ilwee**

**vs**

**Charles Aquilina**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-18 ta' Novembru tas-sena 2002 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Ihallas lill-istanti elf, sitt mija u tlieta u hamsin Liri Maltin (LM1653) danni (Dok P) in segwitu ghall-incident stradali li sehh fis-27 ta' Mejju tas-sena**

**2002 bejn car Daewoo nru FAD 845 misjuqa mill-istanti u Ford Anglia nru KAB 737 misjuqa mill-konvenut fi Mriehel By Pass, Qormi, prevja dikjarazzjoni li hu kien responsabbli ghall-incident minhabba imperizja, negligenza, imprudenza u inosservanza tar-regolamenti;**

**2. Bl-ispejjez, komprizi tlieta u ghoxrin Lira Maltin (LM23) ta' ittra u konsult, dawk tal-ittra ufficjali tad-19 ta' Gunju tas-sena 2002 u dawk tal-ittra ufficjali datata t-18 ta' Novembru, tas-sena 2002, ai termini tal-Kap 104 u bl-imghax minn notifika ta' dana l-Avviz kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-10 ta' Jannar tas-sena 2003 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-incident de quo sehh unikament minhabba traskuragni, negligenza, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-attur, u minghajr ebda tort imputabbli lill-eccipjent;**

**2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-incident awtomobilistiku meritu ta' din il-procedura sehh fis-27 ta' Mejju tas-sena 2002 ghall-habta ta' l-10.35 p.m. gewwa Triq is-Sebh, Hal-Qormi, maghrufa bhala l-"by-pass" ta' l-Imriehel;**

**2. Illi f'dan l-incident kienu nvoluti l-vettura tal-marka Daewoo Cielo bin-numru ta' registrazzjoni FAD – 845 misjuqa mill-attur Joseph Mc Ilwee u l-vettura tal-marka Ford Anglia bin-numru ta' registrazzjoni KAB-737 misjuqa mill-konvenut Charles Aquilina, biz-zewg vetturi jigu misjuqa fid-direzzjoni minn H'Attard ghal Hal-Qormi;**

**3. Illi skond xhud okulari indipendenti jirrizulta li l-konvenut beda jsuq fit-triq indikata fil-karreggjata interna taghha izda f'hin minnhom iddecieda li jaqleb ghall-karreggjata esterna;**

**4. Illi meta l-konvenut effettwa l-prekawzjonijiet minnu dovuti billi jhares fil-mera u jixghel l-"indicator", (ara fol 40), dahal fil-karreggjata esterna u beda jimxi regolarment fiha;**

**5. Illi kemm mix-xhieda okulari, (ara fol 32), kif ukoll mill-marki tar-roti indikati fl-iskizz jirrizulta li l-attur kien qed isuq b'velocita' verament eccessiva u allarmanti;**

**6. Illi b'rizultat ta' din il-velocita' l-incident kien inevitabbli;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi jirrizulta ghalhekk li l-kawza prossima ta’ l-incident in dizamina hi propju l-velocita’ tassew eccessiva ta’ l-attur;**

**Illi l-konvenut jirrizulta li effettwa l-prekawzjonijiet kollha minnu dovuti biex ikun jista’ jaccedi f’karreggjata ohra differenti minn dik li kien qabel fiha u din il-qorti ma tista’ timputa xejn hazin fil-mod kif kien qieghed isuq il-vettura tieghu, ghalkemm jista’ jaghti l-kaz li din kienet vettura li waslet fil-limiti ta’ l-ezistenza taghha;**

**Illi ghalhekk l-attur hu unikament responsabbli ghall-incident in dizamina u konsegwentement filwaqt li takkolji l-eccezzjonijiet sollevati mill-istess konvenut, tirrespingi t-talbiet attrici, bl-ispejjez.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------